MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

# Familja

Ħarġa 06 : Awwissu 2019



**“Sa nofs is-sena daħlu fis-seħħ 20 minn 27 miżura tal-baġit għal din is-sena”**

*Is-Seg. Permanenti Mark Musù - Paġni 8 - 10*

**“Aktar miżuri soċjali għas-sena 2020 se jitħabbru fil-baġit t’Ottubru li ġej”**

*Il-Ministru Michael Falzon - Paġni 6 u 7*

**Issa bi 48 paġna ta’ informazzjoni**

**‘F**amilja’ qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta’ din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà. Kuntatt: ***familja.media@gov.mt***

**L-Onorevoli Dr Michael Falzon** : Ministru għall-
*Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Mark Musù** :
*Segretarju Permanenti fil-Ministeru MFCS*

**Is-Sur Anton Cesare** :
*Direttur Operations MFCS*

**Is-Sur Leonid McKay** : Kap Eżekuttiv
*tal-Awtorità tad-Djar*

**Is-Sur Matthew Vella** : Kap Eżekuttiv
*tal-Awtorità dwar Social Care Standards*

**Dr Renzo De Gabriele :** Kap Eżekuttiv
*Dipartiment tal-Anzjanita’ Attiva u Kura fil-Komunitá*

**Is-Sur Edward Buttigieg :** Direttur
*Benefiċċji Kontributorji*

**Is-Sur Martin Buhagiar :** Assistent Direttur
*Taqsima Benefiċċji mhux Kontributorji*

**Is-Sa Pauline Miceli :**
*Kummissarju tat-Tfal*

**Is-Sur Stefan Borg** :
*Koordinatur Media tal-Ministru*

**Is-Sur Ronald Zaffarese** :
*Koordinatur Attivitajiet Anzjani San Vinċenz De Paule*

**Is-Sur Tony Micallef** :
*Koordinatur PR tal-Bank tad-Demm*

**Is-Sur Philip Chircop** :
*Fundatur ‘Nanniet Malta’*

**Is-Sur Emanuel Muscat** :
*Kittieb u Riċerkatur*

GRAZZI



AGĦTI D-DEMM

**ILLUM**

GĦADA

JISTA’ JKUN TARD

2206 6201



# L-Editur

Rivista 'Familja' hi proġett tal-*Corporate-Wide Media and Communications Office* fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ *online* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-indirizz; ***familja.media@gov.mt***

Biex tirċievi ir-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta; Tonio Bonello, MFCS *Corporate-Wide Media and Communication Office, Operations Directorate, Palazzo Ferreria,* no.38 Triq L-Ordinanza, Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.




**Is-Sur Vince Tonna** :
*Senior Social Worker*

**Is-Sur George Zammit** :
*Gwida u Lajk*

**Is-Sa Rosalie Vella Piscopo :**
*Ex. Marketing S.E. Aġenzija Sapport*

**Is-Sa Sarah Borg** : Uffiċjal
*fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti*

**Is-Sa Fabienne Grech** :
*Leader FSWS Għawdex*

**Is-Sa Doris Zammit** :
*Xandara veterana*

**Is-Sa Mary Grace Cassar** :
*Occupational Therapist*

**Is-Sa Mary Anne Zammit** :
*Kittieba u Artista*

***Is-Sa Ethel Delia :*** *Assistant Manager (Records) Operations Directorate*

**Is-Sa Sandra Borg :**
*Communications Officer CRPD*

TRID TIKSEB IS-SERVIZZI LI TINĦTIEĠ MINN POST WIEĦED ?

ĊENTRU SERVIZZ FAMILJA

FLORIANA — FEJN IL-PARK & RIDE

# Editorjal



**Tonio Bonello**
*Editur Media*
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*

## Familja- Kollox kif pjanat

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija li fi żmien daqstant qasir wasalna sal-miri maħsuba biex ir-rivista 'Familja' tkun stabbilità, kemm f'kuntest ta' kontenut, peró wkoll minn dimensjoni ta' parteċipazzjoni.

Fil-kontenut l-isfida kienet dik li kif imħejji sa mill-bidu tal–istrateġija ta' komunikazzjoni, ir-rivista ministerjali kellha titla gradwalment għal 48 paġna.

Illum onorat li mxejna eżatt mal-pjan u l-iskeda ta' xogħolijiet abbinati magħha, anke jekk b'ħafna impenji u sagrifiċċji kbar.

Dwar parteċipazzjoni nistqarr, ma nistgħux inkunu aktar kuntenti b'dak li rnexxielna niksbu f'dawn ix-xhur biex illum, bi pjaċir ngħid li ssieħbu magħna dawk kollha li jirrappreżentaw l-entitajiet li jaħdmu fi ħdan dan il-Ministeru.

Żmien ta' ħafna impenn u skariġġ għaliha u għas-Sur Anton Cesare, Direttur Operations li flimkien, żorna post post dawn l-entitajiet u ltqajna ma' kull Kap Eżekuttiv, Kummissarju u/jew Direttur biex spjegajnielhom dwar il-ħidma ministerjali li għaddejja fir-rigward ta' strateġija 'Familja'.

Grazzi għal dawn il-laqgħat, wasalna biex ġew appuntati 15-il koordinatur ta' komunikazzjoni li issa bdew jaħdmu magħna billi jirrappreżentaw kull entità minn dawn rispettivament.

Ma' dawn ma nistax ma nsemmhiex 15-il kontributur ieħor, ilkoll professjonali fil-linji speċifiċi tagħhom li f'kull ħarġa ta' rivista Familja jagħtu s-sehem tagħhom.

## Uffiċini u mpenji ġodda

Sar ukoll tibdil f'xi uffiċini. Kien żviluppat uffiċċju jinkludi akkademiċi riċerkaturi li dawn ħadmu u għadhom qed jaħdmu dwar żewġ kwestjonarji importanti, wieħed intern u ieħor estern.

Ikompli f'paġna 5 >

Minn paġna 4 > **L-Editorjal**



**D**an biex ikun magħruf il-kejl tal-udjenza li ssegwi tali pubblikazzjonijiet minn dan il-Ministeru.

Bi pjaċir għandna magħna wkoll *Assistant Manager* u *Senior Clerk* li intervisti magħhom, se jidhru f'ħarġiet futuri ta' 'Familja'. Bi pjaċir nilqgħu magħna wkoll l-aħħar kollega li ngħaqdet magħna, Ms Joanne Zarb.

Ms Zarb ħadmet bħala Għalliema però għal dawn l-aħħar tlett snin kienet tagħmel parti mill-IMU (Information Management Unit) ta' dan il-Ministeru.

Reċentament Ms Zarb ingħatat il-ħatra ta' Assistent Direttur fid-Direttorat *Operations*. Minn hawn, nawgura lil dawn il-persuni li saru jagħmlu parti minn dan it-tim dinamiku fl-istess Direttorat.

Il-*Corporate-Wide Media & Communications Office* tal-Ministeru f'dawn ix-xhur kien involut ukoll fi rwoli ta' konsulenza, rigward qsim ta' idejat dwar kunċetti konnessi ma' kreattività.

Dan bil-għan li jkun prodott kontenut awdjoviżiv biex ikun jista' jintwera fuq *screens* li kienu ġew iffinanzjati minn proġett tal-Unjoni Ewropea.

Matul dan is-Sajf kienet qed titħejja wkoll kampanja ta' informazzjoni bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza dwar il-vantaġġi li l-pubbliku jista' jgawdi meta jagħmel użu mill-*One Stop Shops*.

Sal-lum dan il-kunċett modern ta' servizz ikopri tlett *One Stop Shops,* ilkoll allokati fis-subborg tal-kapitali, il-Floriana. Dawn jinkludu: dwar l-Edukazzjoni, ieħor dwar il-qasam tat-Taxxa, u dak l-aktar reċenti li hu Ċentu Servizz Familja.



F'Novembru it-Taqsima dwar Komunikazzjoni Korporattiva se tkun qed tniedi l-ewwel Familja Media Event bil-għan li tlaqqa' flimkien il-kollaboraturi kollha li jaħdmu magħna fid-diversità tas-servizzi li noffru. Hemm ħafna proġetti għaddejjin iżda nkomplu ninfurmawkom b'dan fil-ħarġiet li ġejjin. Ħudu ħsieb tagħkom u ta' madwarkom. *Tislijiet...*



**L-Onor. Michael Falzon**
*Ministru għall-Familja, Drittijiet Tat-Tfal u Solidarjetá Soċjali*

# Dimensjoni ġdida lill-ħajja tat-tfal

Insellmilkom,

Ninsabu fi żmien tas-Sajf, żmien li jagħti xi ftit tan-nifs lilna lkoll, bir-ritmu tax-xogħol inaqqas kemxejn, iżda mhux l-istess jista' jingħad lejn ir-ritmu tax-xogħol li għandna quddiemna, fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Reċentament fil-Parlament għaddiet mit-tielet qari, il-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. Liġi li se tkun qed tagħti dimensjoni ġdida lill-ħajja tat-tfal li jinsabu taħt il-ħarsien soċjali.

Din il-liġi mhux biss se tkun qed tipproteġi lil dawn it-tfal, iżda wkoll lil familji tagħhom, li jkunu jinsabu għaddejjin minn xi problemi emozzjonali.

Liġi li se tagħti wkoll dimensjoni differenti fejn jidħlu l-adozzjonijet, kemm dawk lokali u dawk minn pajjiżi barranin.

Din il-liġi se tara li minuri li jkunu fil-kura u kustodja ta' *foster carer* għal aktar minn ħames snin, il-*foster carer* se jkun jista' jitlob li jadotta dak il-minuri billi jippreżenta rikors fil-Qorti.

B'hekk dan it-terminu ġie mnaqqas minn għaxar snin għal ħames snin.

Nemmnu li b'dan il-mod se nkunu qed nagħtu aktar permanenza kemm lit-tfal nfushom, kif ukoll lill-familji nvoluti.

Ikompli f'paġna 7 >

Minn paġna 6 > Il-**Ministru Michael Falzon**





**D**an il-Ministeru jinsab impenjat li jkompli jsaħħaħ ukoll lill-familja, f'kull livell u forma tagħha.

Se nkomplu nagħtu aktar ħin ta' kwalità lill-familji filwaqt li nsaħħu l-livell t'għixien fostna.

Il-prospetti huma pożittivi u bħala Gvern se nkomplu nagħtu direzzjoni biex nibqgħu nsaħħu l-ekonomija.

Dan bl-għan li nkomplu bil-pjan soċjali tagħna u nqassmu l-ġid fost il-popolazzjoni kollha.

Ninsabu sodisfatti wkoll bil-mod li bih rnexxilna nnaqsu l-faqar fostna, u se nkomplu nagħmlu dan permezz t'iktar miżuri soċjali għas-sena 2020, u li se jitħabbru fil-baġit t'Ottubru li ġej.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nifraħ lill-ħaddiema kollha ta' dan il-Ministeru għax-xogħol importanti mwettaq.

Ejjew niftakru li ninsabu f'kuntatt kontinwu man-nies, fejn hemm każijiet li għandhom bżonn attenzjoni iktar minn oħrajn.

Il-viżjoni tagħna għandha tkun dik li nkomplu nagħtu prijorità lil min għandu bżonn is-servizzi tagħna.

Dan huwa Gvern tan-nies, Gvern li għandu għal qalbu l-valuri soċjali u li jrid isaħħaħ, kemm il-ġenerazzjonijiet tal-lum kif ukoll t'għada.

Grazzi,

**Michael Falzon**

# 20 minn 27 miżura fis-seħħ



**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet*
*Tat-Tfal u Solidarjetá Soċjali*

Kif igerbeb iż-żmien! Għaddew bħal leħħa ta' berqa l-ewwel seba' xhur tas-sena.

U bħalma jiġri kull sena f'dawn il-ġimgħat ninsabu fl-eqqel tat-tħejjijiet għall-baġit tas-sena d-dieħla bl-laqgħat u kuntatti ma' diversi taqsimiet u entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru kif ukoll b'taħdidiet mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u mal-Ministeru tal-Finanzi.

Dan bl-għan li jkomplu jitfasslu miżuri soċjali ta' fejda għal diversi faxex tas-soċjetà kif ukoll biex jiġu allokati l-finanzi meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-ministeru u tal-entitajiet u għas-sostenn tal-fixra wiesgħa ta' benefiċċji u servizzi soċjali.

Fit-tħejjija għal dawn il-laqgħat u fit-tfassil tal-proposti ma naqasx li nagħtu ħarsa lura lejn dak li wettaqna u ksibna s'issa biex naraw xi jrid isir biex inkomplu nonoraw il-proposti fil-programm tal-Gvern għal din il-leġiżlatura.

Però wkoll biex inkomplu nsaħħu u ntejbu l-qafas tal-benefiċċji. F'dan il-kuntest, tajna kont ukoll għat-talbiet u proposti li tressqu minn diversi għaqdiet fi ħdan is-soċjetà ċivili u widen għas-suġġerimenti mressqa mill-pubbliku.

Ir-rendikont ta' dak li twettaq mill-Ministeru sa nofs is-sena wera li daħlu fis-seħħ 20 minn 27 miżura tal-baġit għal din is-sena.

Dan ifisser li sa l-ewwel nofs tas-sena, flimkien diġa implimentajna tlett kwarti tal-miżuri tal-Baġit.

Dawn kienu jolqtu b'mod partikulari 'l fuq minn mija u tletin elf pensjonant u anzjan oħra u madwar 24 elf familja b'dipendenti taħt it-23 sena.

Ikompli f'paġna 9 >

Minn paġna 8 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**

**M**is-seba' miżuri li baqa', it-twettieq ta' tnejn minnhom hu mifrux fuq għadd ta' snin għax jinvolvu progetti estensivi ta' bini għall-akkomodazzjoni soċjali u programm ta' manutenzjoni u tisbiħ ta' blokok fl-oqsma tad-djar tal-Gvern.

Miżura oħra fil-proċess biex tiġi implimentata hi relatata mas-settur tad-djar. Din ser iġġib riforma fil-kirjiet residenzjali fis-settur privat permezz ta' leġislazzjoni.



***Miżuri li laqtu 'l fuq minn mija u tletin elf pensjonanti u anzjani - u madwar 24 elf familja b'dipendenti taħt it-23 sena***

Din taħseb biex toħloq bilanċ bejn l-obbligi u d-drittijiet tas-sidien u l-familji fil-kera. Fil-mument li qed nikteb dan il-messaġġ l-abbozz tal-liġi għadda mit-tieni qari bi qbil miż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Rappreżentanti u issa jmiss li jidħol fil-fażi ta' diskussjoni aktar dettaljata fl-istadju ta' Kumitat.

B'din il-ligi ser jitwessa' l-iskop tal-ħidma tal-Awtorità tad-Djar u għalhekk għaddejja ħidma biex titwaqqaf *unit* ġdida fi ħdan l-Awtorità biex barra li jirreġistra l-kuntratti tal-kera, ikun responsabbili wkoll tal-monitoraġġ tas-suq u tal-infurzar tar-regoli l-ġodda.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ġew imnebbħa mill-programm elettorali tal-Gvern tant li f'din il-leġiżlatura s'issa twettqu kważi 70 fil-mija tax-xogħol ippjanat. Barra l-miżuri li jolqtu l-akkomodazzjoni soċjali, li kienu jinkludu wkoll żidiet sostanzjali fil-benefiċċju tal-kera u l-iskema tal-*equity sharing* għal persuni ta' 40 sena u aktar, kien hemm miżuri li jolqtu l-anzjani u persuni b'diżabilità.

Ikompli f'paġna 10 >

# Intejbu l-kwalità tal-ħajja



Minn paġna 9 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**

**O**ħrajn kienu maħsuba biex iħajru persuni jidħlu fid-dinja tax-xogħol u biex iwieżnu persuni bi dħul baxx.

Kif stqarr il-Ministru Michael Falzon fit-tħabbir ta' dawn il-passi sinifikanti, il-miżuri soċjali qed iwasslu għal tnaqqis fil-faqar b'mod reali, ibiegħdu aktar persuni mir-riskju tal-faqar u biex titjieb sew il-kwalita' tal-ħajja.

Dan il-progress kien kkonfermat kemm f'rapport tal-Ġnus Magħquda, kif ukoll tal-Unjoni Ewropea dwar l-iżvilupp sostenibbli, li wera li Malta rnexxielha tikseb wieħed mill-aqwa riżultati fost il-pajjiżi kollha tad-dinja fl-isfida biex jonqos il-faqar.

Ir-rapport wera li Malta rnexxielha tagħti daqqa sew 'l isfel lill-faqar, tant li kisbet 99.9 punti minn 100 filwaqt li fejn jidħol it-tnaqqis tal-inugwaljanza kisbet 94.6 punti.

Dan huwa ċertifikat b'saħħtu li jħeġġiġna għal aktar impenn biex insaħħu aktar il-ħarsien soċjali u nkomplu ntejbu l-ħajja taċ-ċittadini, l-aktar dawk vulnerabbli.

Fi sfond ta' progress ekonomiku, dan l-impenn ser ikun mill-ġdid fil-qofol tal-miżuri maħsuba għall-baġit 2020.

**Għandek Domanda?**

**153**

# Grazzi ta' ħidmietkom

**L**ejn nofs April li għadda, numru ta' Diretturi assenjati mal-Ministeru u/jew inkella ma' xi entità fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali waslu fl-età tal-irtirar u/jew ħallew l-impenn tagħhom minn mal-Ministeru.

Ftit tal-ġimgħat ilu dawn il-kollegi ltaqgħu mas-Sur Mark Musù, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru biex għall-aħħar darba b'mod formali sellmu lil xulxin, uħud minnhom biex jibdew fażi ġdida fil-ħajja tagħhom, forsi waħda ta' aktar ħin ta' mistrieħ u fil-kumpanija ta' dawk l-aktar għeżież għalihom.

L-irtirar mix-xogħol għal uħud hu żmien ta' stennija kbira. Kif tgħid espressjoni Maltija, jkun hawn min ikollu *seba' mitt sena* biex ifittex jasal il-jum li jħalli d-dinja tax-xogħol biex jaqbad xi delizzju li forsi jkun ħalla warajh tant snin qabel. Jew biex ikollu aktar ħin jieħu ħsieb it-tfal tat-tfal.

Oħrajn li kważi jkunu għaddew il-parti l-kbira ta' ħajjithom fl-ambjent tax-xogħol jarawha daqstant ieħor fl-oppost ta' dawk ta' qabel.

Saħansitra ssib min li jitlob biex jingħata estensjoni tal-perjodu tax-xogħol b'xi sena jew aktar. *Mitt bniedem mitt fehma,* jgħid ukoll il-Malti!

Ix-xogħol fil-ħajja tal-bniedem hi fażi importanti ħafna għaliex meta wieħed jikkunsidra, terz minn kull jum u lejl li aħna ngħaddu, fil-fatt nagħmluh fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna.

Ħidma mpenjattiva fuq il-post tax-xogħol tfisser ukoll, użu għaqli tal-ħin li Alla għoġbu jsellifna biex inkunu ta' servizz għall-ħaddieħor waqt li aħna stess ikollna dak is-sodisfazzjon li, bil-ħila u l-impenn tagħna jkun irnexxielna nagħmlu l-ħajja ta' ħaddieħor xi ftit aħjar.

Personalment inzertajt naf sew uħud minn dawn is-sinjuri, l-aktar f'dawn l-aħħar sentejn fejn laqgħuni b'tant entużjażmu. F'diversi waqtiet flimkien iddiskutejna t-tlajja u l-inżul li toffri l-ħajja, u l-esperjenzi li kull wieħed u waħda minna jesperjenza kontinwament.

Ikompli f'paġna 12 >




*Fir-ritratt jidhru s-sinjuri Ray Muscat, John Sant, George Sultana, Patrick Vella u Carmen Buttigieg flimkien mas-Segretarju Permanenti, is-Sur Mark Musù (ir-rabà mix-xellug).*

Mhux faċli li bniedem jgħaddi tletin, ħamsa u tletin jew erbgħin sena minn ħajtu f'ambjent ta' xogħol.

Iż-żmenijiet kontinwament jinbidlu u b'konsegwenza t'hekk tinbidel ukoll is-soċjetà. Meta l-bżonnijiet tas-soċjetà jinbidlu, l-aspettazzjonijiet jaf ivarjaw ukoll.

Illum, meta kollox sar ħin, il-mentalità li tistenna u tieħu paċenzja, jekk ma spiċċatx, waslet biex!

F'dawn iċ-ċirkostanzi hi aktar sfida kbira għalina lkoll impjegati biex waqt li nwasslu l-aħjar servizz possibbli, kemm jista' jkun dan jasal għand il-konsumatur tagħna (il-pubbliku nġenerali) fl-iqsar żmien possibbli.

Ta' dan jien, anke f'isem il-Ministeru nagħti ħajr lil dawn kollha li taw is-servizz tagħhom b'tant impenn u li ħadu x-xogħol tagħhom tassew b'vokazzjoni, lejaltà u onestà. Lilkom ilkoll, grazzi.

> *"I see retirement as just another of these reinventions, another chance to do new things and be a new version of myself."*
>
> **Walt Mossberg**

# Viżjoni u strateġija



*"...biex nibqgħu dejjem aktar relevanti"*

**Dr Renzo De Gabriele**

*Kap Eżekuttiv*

*Dipartiment għall-Anzjanita Attiva u Kura fil-Komunità*

Id-Dipartiment tal-Anzjanita Attiva u Kura fil-Komunita' jagħmel parti essenzjali mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Bil-mod il-mod il-perċezzjoni tas-soċjetà dwar l-anzjanità qiegħda tinbidel minn waħda ta' dipendenza għal waħda ta' anzjanità attiva.

Is-soċjetà tagħna ma tistax tibqa' kuntenta sempliċiment biż-żieda fenominali fl-aspettattiva għal għomor itwal.

Trid tistinka wkoll biex ittawwal il-perjodu ta' snin f'saħħitna u mbagħad toħloq l-opportunitajiet xierqa ta' attivitajiet fiżiċi u mentali adattati għal persuni ta' età akbar.

It-tisħiħ tal-miżuri għal aktar għarfien dwar is-saħħa, kura u ħarsien, jgħin lil persuni ta' età akbar biex jaċċertaw il-funzjonijiet fiżiċi u mentali tagħhom għal għajxien indipendenti.

Il-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva toffri diversi rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-għajxien indipendenti iżjed tard fil-ħajja.

Fost dawn insibu titjib tas-servizzi tas-saħħa fejn jidħlu l-prevenzjoni u l-promozzjoni, r-riablitazzjoni ġerjatrika, s-saħħa mentali u l-benessere, u servizzi ta' kura fil-komunità lil nies kbar fl-età.

Id-Dipartiment joffri diversi servizzi fil-komunita biex jintlaħaq dan il-għan u b'hekk inżommu kemm jista' jkun l-anzjani attivi fil-komunita.

Tul il-ħarġiet li ġejjin f'din ir-rivista 'Familja' sejrin inwasslu informazzjoni rigward bosta servizzi li joffri d-dipartiment sabiex inkabbru l-għarfien ta' dawn is-servizzi u nħeġġu aktar l-użu minn dawn is-servizzi hekk importanti.

Ikompli f'paġna 14 >

Huwa inutli li jkollok diversi servizzi jekk ftit nies ikunu jafu bihom. Irridu nwasslu l-messaġġ tagħna lil firxa wiesgħa tas-soċjeta', speċjalment lil dawk il-persuni li l-aktar jinħtieġu s-servizzi tagħna.

Għalhekk huwa importanti li l-vuċi tad-Dipartiment titwassal ukoll permezz ta' din ir-rivista, li tasal għand numru daqstant sabiħ ta' impjegati.

Però dan se jkun mezz wieħed biss u se ssir strateġija sabiex, din l-informazzjoni titwassal f'kull rokna tas-soċjetà b'diversi modi.

Illum nixtieq niffoka ftit fuq l-istrateġija li se jimxi biha d-dipartiment sabiex inkunu dejjem relevanti u preżenti għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħna, f'dinja li qiegħda tinbidel b'pass mgħaġġel ħafna.

L-istrateġija hija bbażata fuq erba' pilastri li se jkunu l-pedament fuqhiex se jibbaża l-ħidma tiegħu d-Dipartiment.

**L-Ewwel pilastru tal-istrateġija** huwa dak tat-tisħiħ fl-infrastruttura. Din tfisser analiżi dettaljata tal-istruttura tal-postijiet kollha li minnhom jop-eraw is-servizzi mogħtija mid-Dipartiment, li jinkludu wkoll id-djar residenzjali li jaqgħu taħt id-Dipartiment.

F'diversi postijiet hemm ħtieġa ta' rinnovament u se jsir pjan strutturat ta' intervent.

Minn paġna 13 > Dr Renzo De Gabriele, Kap Eżekuttiv



*"inutli li jkollok is-servizzi, jekk ftit nies ikunu jafu bihom..."*

Minn paġna 14 > Dr Renzo De Gabriele, Kap Eżekuttiv



Meta wieħed jitkellem fuq infra-struttura, jiena nara li wieħed irid idaħħal ukoll l-apparat li bih il-ħaddiema u l-professjonisti tagħna jridu joperaw.

Fiż-żminijiet tal-lum hemm tgħamir vast, li dejjem jiġi aġġornat, sabiex ngħinu lill-klijenti tagħna fil-bżonnijiet diversi li jkollhom.

Għal dan il-għan sejjer jiġi analizzat x'tgħamir hemm bżonn sabiex dan jinxtara.

**It-Tieni pilastru tal-istrateġija** huwa dak ta' analiżi tas-servizzi li d-Dipartiment joffri.

Wieħed irid janalizza jekk is-servizz li qiegħed jingħata hemmx bżonn jitjib, sabiex jilħaq iktar l-aspettattivi u r-rikjesti għalih.

Jista jkun hemm bżonn ta' iktar riżor-si jew li s-servizz jingħata xejra aktar moderna u aġġornata.

Jista' jkun li s-servizz ma baqax aġġornat maż-żmien u għalhekk ma baqax jaqdi l-bżonnijiet tal-klijenti tagħna.

Eżempju ċar, nistgħu nsemmu li mhux dejjem żammejna s-servizzi li noffru lill-anzjani tagħna fis-settur tat-telekomunikazzjoni aġġornati mat-tibdil kbir li sar f'dan is-settur.

It-teknoloġija għamlet passi ta' ġgant u aħna rridu noffru servizzi jew għajnuniet li huma relevanti għall-bżonnijiet tal-lum.



Minn paġna 15 > Dr Renzo De Gabriele, Kap Eżekuttiv

Dan sabiex tattira aktar nies f'dan il-kamp. It-taħriġ kontinwu tal-impjegat u l-professjonist huma ta' priorita' f'dan il-qasam.

Fil-qosor wrejt ftit mill-viżjoni u l-istrateġija li fuqha sejjer jaħdem id-Dipartiment.

Kif għedt, fil-ħargiet li ġejjin ta' 'Familja' sejrin nagħtu ħarsa lejn is-servizzi li qiegħed jagħti d-Dipartiment, kif ukoll aġġornamenti fuq xi proġetti ġodda li jkunu qegħdin iseħħu.



**Mindfulness-Based Cognitive Therapy for Adults**

**- Coping under pressure and improving quality of life -**

**Course:** Certified course, 1ECTS (MQF Level 3 Non-Formal)

Contact time: 2Hrs every week for 12 weeks

**Dates: starting** $1^{st}$ October 2019 – $10^{th}$ January 2020; **re-offered** $20^{th}$ January 2020 – $15^{th}$ May 2020

**Venue:** Sir M. A. Refalo Sixth Form, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo

This course aims to create awareness about:

- **how the mind works when dealing with stressful and challenging situations;**
- **how to tackle worrying, anxiety or distractions;**
- **how to respond calmly or learn to accept unmanageable situations;**
- **how to manage bodily pain;**
- **how to appreciate life fully in its present moment.**

**Group:** maximum 10 participants (on a first-come basis)

**Applications:** Through Sir M. A. Refalo Sixth Form

25983950/8; smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt

**Further information:** smarsf.skola.edu.mt

Minn paġna 16 > Dr Renzo De Gabriele, Kap Eżekuttiv



**It-Tielet pilastru tal-istrateġija** huwa dak ta' tnegħdija ta' servizzi ġodda u nnovattivi lill-klijenti tagħna.

Barra minn *re-engineering exercises* ta' servizzi eżistenti hemm bżonn ukoll analiżi dettaljata ta' bżonnijiet u eżiġenzi ġodda li nħolqu tul l-aħħar żminijiet.

Din l-analiżi trid tkun ukoll kontinwa u li permezz tar-riżultat aħħari jitwieldu servizzi ġodda li jilħqu l-aspettativi u l-bżonnijiet ġodda tas-soċjetà tagħna. Iżda dawn l-affarijiet kollha ma jistgħux isiru mingħajr investiment.

**Ir-Raba' pilastru tal-istrateġija** għalhekk dak ta' investiment fir-riżorsi umani.

Dan il-pilastru jinvolvi li jintużaw b'mod għaqli r-riżorsi finanzjarji sabiex tinbena struttura ta' riżorsi umani li tkun kapaċi tlaħħaq mad-domanda u mas-servizzi ġodda li d-Dipartiment ikun qiegħed jippjana.

Kultant din ir-riżorsa naħsbu li hija biss relatata mal-ammont ta' flus li wieħed jingħata, kemm bħala dipartiment u kemm bħala salarju. Però din mhijiex l-istorja kollha.

Irid ikun hemm pjan ta' taħriġ kontinwu għall-impjegati biex tattira iktar nies fis-settur fejn iħossuhom motivati li qegħdin jiġu mħarrġa f'apparat modern li jiżviluppa minn żmien għal żmien u/jew fil-ħiliet tagħhom.

Importanti wkoll li wieħed jitħalla joħroġ b'idejat u inizzjattivi ġodda fuq il-post tax-xogħol sabiex ikun hemm *empowerment* tal-impjegat. Din il-motivazzjoni hija importanti ferm li taħdem id f'id mal-bżonn ta' reklutaġġ.



**Martin Buhagiar**
*Assistent Direttur*
*Taqsima Benefiċċji mhux Kontributorji*

# "Id-Dipartiment għandu jigwida lill-applikant"

**F**il-ktieb tiegħu *'Options for the Poor',* it-tejologu Donal Dorr jgħid li jekk f'pajjiż ikollok imqar persuna waħda qed tbati, hemmhekk int għandek soċjetà inġusta.

Li telimina kull tbatija huwa umanament impossibli, iżda dejjem hemm il-possibilità li wieħed jista' jtaffi min din it-tbatija.

It-Taqsima tal-Benefiċċji mhux Kontributorji qiegħda hemm sabiex tkun ta' assistenza għal dawk il-persuni li minħabba raġuni jew oħra ma jkollhomx il-mezzi sabiex tal-anqas ilaħqu mal-ħtiġijiet bażiċi tal-ħajja ta' kuljum.

Dan bħal l-ikel u x-xorb. Jekk wieħed jinnota l-istess applikazzjonijiet, uħud fit-titlu jissejħu; Assistenza ta' ... .

Matul is-snin il-benefiċċji dejjem żdiedu, u ż-żieda ma seħħetx biss mill-aspett monetarju iżda żdiedu wkoll l-ammont ta' benefiċċji li wieħed jista' japplika għalihom. Il-benefiċċji żdiedu, mhux sempliċiment sabiex wieħed jgħid li hemm iżjed 'għażla', iżda għaliex dak li qabel wieħed kien forsi jikkonsidra bħala kapriċċ, illum sar bżonn.

Għalhekk l-ispejjeż jikbru u magħhom tikber ukoll ir-responsabbiltà fuq min imexxi biex jipprovdi ħajja diċenti.

Il-Għajnuniet/Assistenzi li toffri din it-Taqsima huma indirizzati għal dawk il-persuni li minħabba diversi raġunijiet fosthom; diżimpjieg, qgħad jew separazzjoni, d-dħul finanzjarju tagħhom jieqaf.



Ikompli f'paġna 19 >

Minn paġna 18 > Martin Buhagiar, Assistent Direttur



Minkejja li fl-istess applikazzjoni hemm dikjarazzjonijiet li l-applikant irid iwieġeb, it-Taqsima għandha wkoll il-mezzi tagħha biex tinvestiga.

L-investigazzjonijiet li jsiru ma jsirux biex inċaħħdu lill-applikant minn xi għajnuna, kif forsi ħafna jaħsbu.

Għall-kuntrarju, dan isir sabiex naraw li l-ħlas u t-tqassim tal-Benefiċċji jkun wieħed ġust u li jasal għand il-persuni li verament jinħtiġuhom.

Din it-Taqsima dejjem kienet u tibqa' f'evolviment kontinwu. Qatt ma ħarset lura għajr biex titgħallem mill-passat, iżda ħarset il-quddiem sabiex ittejjeb l-għajnuniet, iżżid l-għajnuniet u tara li jaslu kif diġa semmejt għand minn tassew ħaqqu.

Irranġat anomaliji li kienu ilhom hemm snin twal u dawn twettqu wara li tat widen għall-karba taċ-ċittadin li kien qed iħossu mċaħħad.

Ftit tas-snin ilu ġiet indirizzata waħda minn dawn l-anomliji li persuni b'diżabilità kienu ilhom jiġbdulna l-attenzjoni.

Il-Pensjoni ta' Persuni b'Diżabilità kienet tkopri l-kundizzjonijiet kollha, iżda persuni li jkunu twieldu bi driegħ jew riġel wieħed ma kienux jitqiesu bħala persuni b'diżabilità.

Minn tlett snin l'hawn inħolqu tlett kategoriji ta' Pensjonijiet b'Diżabilità; l-ewwel, Pensjoni ta' Diżabilità Severa Miżjuda (ISDA) – indirizzata għal dawk il-persuni li huma inkapaċi f'kull livell u li jinsabu f'qiegħ ta' sodda jew siġġu tar-roti (mhux suġġetta għall-test ta' mezzi).

It-tieni, Pensjoni ta' Diżabilità Severa (SDA), indirizzata lil dawk il-persuni li għandhom diżabilltà iżda li minkejja dan, din ma żżommhomx milli jkunu attivi fis-soċjetà.

Fil-fatt dawn, barra mill-pensjoni issa jistgħu jaħdmu u d-dħul mix-xogħol ma jkunx ikkunsidrat fl-assessjar tal-applikazzjoni.



Ikompli f'paġna 20 >

Minn paġna 19 >

Martin Buhagiar, Assistent Direttur

It-tielet hi l-Pensjoni ta' Diżabiltà (DA) u din hi propju indirizzata għall-persuni li għandhom driegħ jew riġel nieqes.

Dawn jitħallsu 75% tar-rata kif ukoll jistgħu jaħdmu u l-paga ma tiġix ikkalkulata fl-assessjar tal-applikazzjoni.

Din it-Taqsima ma ħasbitx biss li tagħti għajnuniet sabiex wieħed jgħix sakemm isib impjieg, iżda ħarġet bi skema fejn permezz tagħha tat l-inkoraġġiment lil dawk li kienu jiddependu fuq l-għajnuniet biex isibu xogħol.

Dan sakemm jistabbilixxu ruħhom, jew, kif jgħid il-Malti, iqumu fuq saqajhom, permezz tal-għajnuna soċjali.

Kien għalhekk li nħoloq it-*Tapering of Benefit* sabiex fl-ewwel tlett snin tax-xogħol li jkunu sabu huma jkomplu jirċievu 65% tal-għajnuna fl-ewwel sena, 45% fit-tieni u 25% fit-tielet sena rispettivament.

l-ideja li ntejbu l-Għajnuniet u anki nissimplifikaw qegħdin hemm u qegħdin jitwettqu ftit ftit.

Għad jasal żmien fejn ikun id-Dipartiment li jigwida lill-applikant għall-intitolamenti li jkun ħaqqu u ma nibqgħux nistennew l-applikant jistaqsu għalihom hu, jew hi!





# Maskri tal-Filigranu

Niltaqgħu mal-Artist **Kevin Attard**



**Mary Anne Zammit**

*Artista u Kittieba*

Itqajt ma' Kevin Attard fi Frar fi żmien il-Karnival fil-binja tas-Soċjetà tal-Arti l-Belt Valletta, fejn kienet qed titella wirja bit-titlu Maskri. Interessanti hu l-fatt li l-maskri kienu kollha magħmulin mill-filigranu...

Ikompli f'paġna 22 >

It-tema Maskri tagħmel sens mat-tema tal-Karnival imma l-artist kellu idea oħra li tmur il bogħod minn hekk. Kevin qal li għażel din it-tema għaliex ried joħloq mudelli ġodda waqt li jintroduċi s-sengħa tal-filigranu lil dawk li qatt ma ltaqgħu jew għadhom semgħu biha.

Permezz tal-maskri, hu rnexxielu jilħaq kategorija oħra ta' nies, eżempju dawk li jħobbu l-*parties.* Kevin dejjem ifittex idejat ġodda u fil-mument qed jaħdem fuq ideja oħra, dik tat-*tattoo.*

Din il-prattika diġa ssir f'pajjiżi oħra. Tikkonsisti f'kopja tat-*tattoo* li tinqala b'operazzjoni u wara *tattoos* żgħar jiġu indurati bil-filigranu. Hemm ukoll il-filigranu fuq *lingerie* li qed isir b'kollaborazzjoni ma' disinjaturi tal-moda.



Niltaqgħu mal-Artist **Kevin Attard**

Minn paġna 21 > Mary Anne Zammit

Kevin jgħid li dan hu ta' sodisfazzjon għaliex qiegħed jolqot lid-dinja tal-moda, waqt li l-*lingerie* qiegħed jinżel tajjeb, kemm man-nisa u kemm mal-irġiel.

***Kemm ilu jaħdem fil-Filigranu?***

Kevin ilu madwar wieħed u tletin sena li beda jaħdem f'dan il-mestier, minn meta kellu l-età ta' erbatax il-sena.

Missieru kien ġojjellier u kellu ħabib li kien jaħdem fil-filigranu. B'hekk, Kevin ġie espost għas-sengħa tal-filigranu u minn hemm nibtet il-passjoni għal din is-sengħa.

Minn dakinhar, Kevin ma ħarisx lura: beda jattendi għal *workshops* u sab inkorraġiment kbir mill-ġenituri.

***X' inhi s-sitwazzjoni preżenti għal min irid jaqbad din is-sengħa?***

Kevin saħaq li l-Gvern lokali qiegħed jagħmel sforz biex is-snajja f'Malta jiġu mġedda. Dan qed isir billi jiġu organizzati fieri u esebizzjonijiet kemm lokalment u anke barra minn xtutna.

Il-Gvern qiegħed ikopri wkoll tlett kwarti tal-ispejjeż biex b'hekk is-sengħa ma tintilifx u dejjem jibqa għaddej l-għarfien lil ġenerazzjonijiet futuri.

Għal Kevin l-akbar sodisfazzjon hu meta jiġi klijent li jkollu xi ħaġa f'moħħu u hu jirnexxielu joħloq ix-xogħol minnufih. Iżda sodisfazzjon ferm akbar hu meta jirnexxielu jgħaddi t-tagħrif lill-oħrajn.

***X'inhu l-Proċess?***

Kevin beda biex jagħti eżempju fuq fjura. L-ewwel jibda bi *frame* li wara jimtela bil-fidda. Jiġi ssiġilat, iqabbad ma' xulxin u wara jnaddfu.

Dan il-proċess jagħti lil Kevin il-possibilita li jkun versatili, bħal per eżempju, li joħloq pendenti għall-*pets* u anke aċċessorji oħra, dejjem skont l-immaġinazzjoni tiegħu.

***Avveniment ieħor***

F'Marzu li għadda Kevin tella' wirja oħra bit-tema *Pastizzi*. Din il-wirja tesplora l-aspett femminil għax għalih din hi forma ta' messaġġ kif il-mara f'din l-arti tiġi adorata.

Fi kliemu stess, 'Globalment il-mara hija superjuri għaliex mentalment hi aktar b'saħħitha u hi wkoll il-qofol tal-ħajja.'

Kevin temm jgħid li l-filigranu hu vjaġġ etern ta' riċerka u jqis lilu nnifsu bħala biċċa għodda li permezz tagħha jferraħ lil klijenti u jgħaddi t-tagħrif lil ħaddieħor billi jiftaħ ċrieki ġodda.

# Proġett Narċis

F'Mejju 2019 tnieda l-proġett Narċis li hu b'kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija Sapport u l-faċilità ta' kura fit-tul, San Vinċenz de Paule.

Din il-kollaborazzjoni hi riżultat ta' ħtieġa li nħasset sabiex tiġi indirizzata d-domanda għal servizzi intenzjonati biex jintegraw lura fil-komunità persuni bejn it-18-il sena u d-59 sena.

Persuni li għandhom diżabilità fil-preżent qed jgħixu fil-faċilità tal-kura fit-tul f'San Vinċenz de Paule jew sptar ieħor minħabba d-diżabilità tagħhom.

Dawn isibu sfidi sabiex jerġgħu jiġu integrati fil-komunità u 'Narċis' hu proġett maħsub sabiex jindirizza dawn il-bżonnijiet.

Fil-preżent dawn il-persuni jsibu ruħhom għal tul ta' żmien fi sptarijiet jew faċilitajiet bħal Mater Dei, Sptar Monte Carmeli, Sptar Karin Grech, il-faċilità ta' kura fit-tul San Vinċenz de Paule, u djar residenzjali oħra.

Għalkemm hawnhekk jingħatalhom is-sapport u l-attenzjoni medika meħtieġa, dawn ma joffrux l-ambjent ideali peress li l-għan primarju ta' dawn il-faċilitajiet hu li joffru attenzjoni medika intensiva u rijabilitazzjoni, l-aktar fl-oqsma tal-ġerjatrija u kura tas-saħħa mentali.

'Narċis' inħoloq biex joffri programm strutturat għal integrazzjoni fiżika u soċjali għal dawn il-persuni.

L-għan prinċipali hu li joffri s-sapport meħtieġ lilhom u lill-familjari tagħhom sabiex jerġgħu jiġu integrati fil-komunità anke wara żmien twil jgħixu f'istituzzjoni jew sptar.

Il-familjari ta' dawn il-persuni ukoll ser jibbenefikaw minn dan il-proġett, għaliex parti oħra tal-programm hu maħsub sabiex joffri żmien ta' mistrieħ, jew kif nirreferu għalih ukoll *respite*.

Dan hu ntenzjonat għall-familjari ta' persuni li għandhom livell għoli ta' dipendenza minħabba d-diżabilità u l-marda kronika tagħhom.

Ikompli f'paġna 24 >

# Proġett Narċis

Minn paġna 23 > Sapport +SVP

**X'jinvolvi l-programm Narċis?**

Il-karatteristiċi ewlenin tal-programm 'Narċis' huma bbażati dwar *empowerment,* kwalità ta' ħajja, ħajja indipendenti u fuq kollox, dinjità.

Dan l-ambjent ser ikun qed joffri perjodu ta' tranżizzjoni li jiffoka madwar l-inklużjoni u l-għixien indipendenti.

Diversi entitajiet differenti kkonsultaw u ser ikunu qed jaħdmu flimkien sabiex jiġi offrut aspett multi-dixxiplinarju lil dan il-programm rijabilitattiv.

Dan it-tim ta' professjonisti mhux biss huwa strumentali għall-iżvilupp ta' dan il-programm imma ser ikun qed iħaddem is-servizz permezz ta' assessjar ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw minnu.

Dan l-assessjar hu wieħed ħolistiku u għalhekk ser ikun qed isir minn terapisti, tobba, infermiera, professjonisti oħra mill-qasam tal-kura soċjali, kif ukoll minn rappreżentanti mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Din il-faċilità ser tkun qed tilqa' fiha 16-il persuna f'ambjent li ġie żviluppat skont il-bżonnijiet tal-istess persuni, liema binja hija parti mill-kumpless ta' faċilità tal-kura fit-tul, San Vinċenz de Paule.

F'ċerti każijiet, il-faċilitajiet ta' 'Narċis' huma ppjanati wkoll li jakkomodaw, anke membri tal-familja ta' dawn il-persuni.

Minħabba n-natura tal-programm, il-faċilitajiet ta' 'Narċis' joffru wkoll ġonna, *gym,* apparat assistiv, apparat mediku, faċilitajiet aċċessibbli, kif ukoll spazju għall-viżitaturi.

Dawn il-faċilitajiet huma disinjati wkoll li jakkomodaw persuni ta' etajiet differenti u b'livelli ta' dipendenza differenti.

Il-proġett, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fejn żewġ entitajiet fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva ser jindirizzaw persuni li d-diżabilità tagħhom hi riżultat ta' inċident jew kundizzjoni kronika tissejjaħ ***acquired disability.***

'Narċis' hu prova oħra ta' inizjattiva li tindirizza bżonnijiet ġodda u provediment ta' servizz iddisinjat madwar il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità fuq livell individwali.



# Malta : Gżira fil-Mediterran



**George Zammit**

*Gwida u Missier ta' Familja*

**F`**nofs il-baħar sabiħ Mediterran insibu l-arċipelagu Malti li flimkien jifforma l-gżejjer bl-isem Malta, Għawdex, Kemmuna u Filfla.

Poplu li, fil-maġġoranza aktarx ta' komunita' Nisranija, ftit kilometri bogħod mill-kosti ta` Sqallija, Tuneżija u l-Libja.

Wara sekli sħaħ ta' ħidmet il-Malti, gżiritna saret ċentru turistiku magħruf. Destinazzjoni popolari madwar id-dinja u l-għira tal-barranin.

Tiddomina nsibu storja twila fejn ħafna politiċi Maltin maż-żmien baqgħu jissemmew bi kbir għar-rikonoxximent qalbieni lejn pajjiżhom.

Permezz ta` poplu għaqli, dawn il-gżejjer ġew trasformati bħala ġawhra prezzjuża f`nofs ta` baħar sabiħ li kulħadd japprezza; kemm iċ-ċittadini lokali u anke t-turisti li jiġu jqattgħu vaganza tal-ħolm f`pajjiżna.

Meta wieħed jitkellem fuq Malta, josserva li waħda mill-għazliet taż-żagħżagħ u studenti barranin li jiġu fi gżiritna, ikun proprju biex jitgħallmu u jtejbu l-lingwa Ingliża.

Bosta pensjonanti u anzjani barranin li jiġu fostna għal xhur sħaħ jirrilassaw fil-klima xemxija mżewqa b'żiffa ħelwa, isostnu li, illum, aktar minn qatt qabel hi responsabbiltá tagħna li rridu nġorru flimkien ħalli nibqgħu nibżgħu għal dak kollu li għandna f'dawn il-gżejjer.

Bil-klima moderata tagħha, Malta hija eċċellenti għal dawk li jħobbu x-xemx, l-għawm u mixjiet fil-kampanja. Qalb mogħdijiet b`ħaxix mifqugħ wara ħalbiet qosra tax-xita.

Malta, flimkien mal-gżejjer tagħha, jiftaħru bi storja rikka u antika li teħodna lejn żminijiet oħra.



Ikompli f'paġna 26 >


Minn paġna 25 > George Zammit

Malta, flimkien mal-gżejjer tagħha, jiftaħru bi storja antika u rikka li teħodna lejn iż-żminijiet antiki tal-Feniċi, il-Kartaċiniżi, ir-Rumani, l-Għarab, in-Normanni, il-Kavallieri ta` San Ġwann, il-Franċiżi u l-Ingliżi.

Żminijiet ta` ċiviltajiet differenti li ħallew traċċi profondi f`kull rokna tal-gżejjer tagħna relatati mal-kultura tal-passat tagħhom.

Wieħed jista' jibda mill-kapitali; il-belt Valletta, belt iddikjarata sit ta` Wirt Dinji mill-Unesco minħabba fis-sbuħija artistika u arkitettonika li oriġinat fiha matul sekli sħaħ taħt influwenza Taljana, Għarbija u Ingliża.

Bini ta` belt b`fortifikazzjoni u ħitan difensivi li jdawru l-kapitali fuq l-għolja Sciberras waqt l-assedju mir-rebbieħ Gran Mastru Jean De Valette.

Din il-belt imlibbsa b`karattru qawwi ta' stil Barokk u b`partijiet oħra b`xejra ta` arkitettura moderna, ġiet ukoll magħżula reċentement bl-unur tal-kapitali Ewropea tal-Kultura 2018.

Mal-ewwel ġebla, fejn illum hemm il-knisja tal-Vitorja, naraw il-pjanta tal-belt, imdawra minn żewġ portijiet naturali.

Belt li hekk saret magħrufa mad-dinja kollha permezz tal-bini tal-Palazz Maġisterjali u tal-maestuż kon-katidral dedikat lil San Ġwann, b'dik l-opra artistika ta` Michelangelo Merisi da Caravaggio.

Fil-gżejjer Maltin, jispikkaw l-irħula mibnija madwar toroq u sqaqien fejn wieħed jista' jiskopri teżori oħra moħbija li jżewqu lil pajjiżna b'wirt kulturali u storja.

Se nkunu nafu dwar dan u aktar fil-ħarġa li jmiss ta' rivista 'Familja'. Sadanittant is-sliem lilkom.


Michelangelo Merisi da Caravaggio

# Il-Personalita ta' 'Familja'



## Ethel Delia

Il-personalita fil-ħarġa 'Familja' llum hi Ethel Delia li minn din is-sena tinsab assenjata fid-Direttorat Operations MFCS bħala Assistant Manager (Records).

Ethel għandha 36 sena, hi minn Ħal Qormi, għamlet żmien toqgħod il-Gudja u issa s-Siġġiewi. Attendiet l-Università ta' Malta kif ukoll fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi.

Segwiet Diploma in Archives and Records kif ukoll Ċertifikat fit-Tour Guiding.

Minn din l-intervistà se nsiru nafu aktar mill-qrib dwar il-ħajja tal-kollega tagħna Ethel.

***Kif tiddeskrivi l-karattru tiegħek?***

Jiena persuna li ġeneralment dejjem inkun bi tbissima, sakemm ma jkunx hemm xi ħaġa tinkwetani.

Nemmen li fil-ħajja qatt m'għandek taqta qalbek għax l-ostakli se ssibhom f'kull aspett tal-ħajja u l-fatt li jiena bniedma determinata jgħinni biex nasal fejn irrid.

Jien bniedma ferrieħa li rarament inkun bin-nervi u naf immur kważi ma' kulħadd.

Nipprova li l-ħajja ngawdiha kemm jista' jkun qabel ma' ttir u nieħu pjaċir nipprova affarijiet differenti.

Sfortunatament jien ukoll bniedma nervuża u bla kwiet u li ma tantx għandi paċenzja, speċjalment ma' nies diffiċli.

Ninkwieta u naħseb f'kulħadd u xi kultant dan iwassalni biex ninkwieta fuq affarijiet żgħar għalxejn.

***L-istil tal-ħajja tiegħek?***

Inqiesni bħala persuna li nħobb nimxi maż-żminijiet pero nemmen li l-valuri għandhom ikunu preżenti fil-ħajja tagħna.

Għalkemm m'iniex konservazzjonista għall-aħħar, nemmen li dejjem għandek tħalli bieb miftuħ għall-bidla, b'mod speċjali jekk din se tħalli mpatt pożittiv.

***Stat?... Miżżewġa / Single?***

Miżżewġa għal dawn l-aħħar tlettax-il sena.

Ikompli f'paġna 28 >



Minn paġna 27 > Ethel Delia

***Deskrizzjoni tal-impenn attwali tiegħek fuq ix-xogħol?***

Ninsab responsabbli tad-dokumenti u rekords f'dan il-Ministeru. Dan ifisser li jridu jinħolqu ċertu *policies* biex ikun deċiż x'dokumenti l-Ministeru għandu jżomm u x'għandu jeħles minnhom.

Issir ukoll kollaborazzoni mal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta rigward dokumenti li jista' jkollhom valur storiku.

***Isem il-ġenituri tiegħek u aħwa?***

Maria u Mose' Zammit. Għandi wkoll ħija ikbar minni, Etienne.

***Passatempi?***

Safar, b'mod speċjali f'postijiet eżotiċi, passiġġati fil-kampanja mal-kelba tiegħi fix-xitwa u qari, speċjalment ta' bijografiji.

***Jum tipiku bejn xogħol u familja?***

Wara ġurnata xogħol, nipprova nlaħħaq mal-qadi ta' kuljum bħal xiri u tindif imma filgħaxijiet nipprova niddedika ftit ħin lili nnifsi billi mmur nimxi u noqgħod naqra xi ktieb biex nirrilassa ftit wara ġurnata twila.

***Kif tgħaddi tmiem il-ġimgħa?***

Nieħu pjaċir ngħaddih mal-familja fil-villeġġatura tal-ġenituri tiegħi, li ġeneralment narahom biss fi tmiem il-ġimgħa. Nipprova nqattà iktar ħin ma' żewġi peress li matul il-ġimgħa nkunu mħabbtin.

***Kieku kellek tirbaħ Miljun Ewro?***

Nitlaq mix-xogħol biex niftaħ santwarju tal-annimali għal dawk il-kreaturi li jkunu ġew abbandunati.

***Esperjenza mhux daqstant sabiħa?***

Meta miet kollega li kien jaħdem fl-istess uffiċċju tiegħi u li kien għadu żgħir fl-eta.

***L-isbaħ jum f'ħajtek kien?***

Meta żżewwiġt u meta ggradwajt.

***L-ikla favorita tiegħek?***

Pizza.

Ikompli f'paġna 29 >






Minn paġna 28 > Ethel Delia

***Il-vjaġġ tal-ħolm tiegħek ikun, fejn; U għaliex?***

L-Awstralja għax huwa territorju vast li joffri ambjenti differenti.

***Pajjiżi li żort kienu?***

Ingilterra, Irlanda, Franza, Spanja, Italja, Awstrija, Polonja, Ungerija, Repubblika Ċeka, UAE, Indoneżja, Mauritius.

***L-isbaħ pajjiż li qatt żort, u għaliex?***

Mauritius għax għadu ma ġiex irrovinat bil-progress u għadu fl-istat naturali tiegħu.

***Personalita li tammira / tispirak : Malti / Maltija?***

Agatha Barbara għax f'ambjent iddominat mill-irġiel għarfet tibni karriera politika u tispira tant nisa oħra biex jidħlu għal din il-karriera.

***Personalita li tammira / tispirak : barrani/ja?***

Madre Teresa għaliex ħalliet il-ħajja tagħha biex iddedikata lill-ħaddiehor u ma sabet l-ebda problema biex tgħix fil-faqar u bil-karita', basta tkun ta' għajnuna għall-proxxmu.

***Il-ħolma ta' ħajtek?***

Li nieqaf mix-xogħol għal ftit snin u nżur dawk l-iktar postijiet remoti fid-dinja flimkien ma' żewġi.





**Edward Buttigieg**

*Direttur Benefiċċji Kontributorji*

# 92,000 pensjonat jirċievu l-Pensjoni Kontributorja

## Bi spiża annwali ta' kważi €693 miljun

Ilni naħdem fid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għal dawn l-aħħar 33 sena meta bdejt il-karriera tiegħi bħala skrivan fis-sezzjoni tal-Infurzar.

Matul dawn is-snin kont nifforma parti mis-sezzjoni responsabbli mill-Fondi Soċjali Ewropej (ESF) kif ukoll għamilt perjodu ta' snin responsabbli mill-uffiċċju tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali.

Fis-sena 2007 ingħatajt il-kariga ta' Assistent Direttur responsabbli mill-Benefiċċji Kontributorji.

Fis-sena 2012 bdejt nokkupa l-kariga ta' Direttur responsabbli mill-Benefiċċji Kontributorji u mill-operat tal-Pensjonijiet kontributorji, benefiċċji għall-Familja u benefiċċji *short term*.

Bħala parti mix-xogħol tiegħi, jien ukoll membru tal-Kumitat Governattiv tal-Karta Soċjali Ewropea li jiltaqa fi Strasburgu.

Jien ukoll membru fi Grupp ta' Ħidma fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea li jiltaqa ġewwa Brussel.

Fil-kariga ta' Direttur responsabbli mill-Benefiċċji Kontributorji ninsab responsabbli mit-tmexxija ta' madwar 26 impjegat ġewwa Malta u madwar 80 impjegat ġewwa Għawdex.

Ix-xogħol f'Malta hu konness ma' talbiet għal Pensjoni għall-Irtirar, Pensjoni għar-Romol u Pensjoni għall-Invalidità.

Ta' kull sena fi ħdan is-sezzjoni tal-Pensjonijiet Kontributorji jaslu numru ta' talbiet ġodda li jammontaw għal madwar 3,000 talba għall-Pensjoni tal-Irtirar, madwar 1,500 talba għall-Pensjoni tar-Romol u madwar 400 talba għal Pensjoni tal-Invalidità.

Ikompli f'paġna 31 >



## It-talbiet li jaslu għand id-Dipartiment jirrikjedu xogħol ta' assessjar kontinwu

Minn paġna 30 > Edward Buttigieg, Direttur

**M**inbarra dan, ta' kull sena, kull rata ta' pensjoni tiġi riveduta sabiex tingħata ż-żieda għall-għoli tal-ħajja imħabbra mill-Ministru tal-Finanzi f'kull *budget.*

Isiru wkoll reviżjonijiet oħra relatati ma' żidiet oħra li jista' jkun hemm dritt għalihom. Dan bis-saħħa ta' ftehim kollettiv li jkun fis-seħħ tal-azjendi li fihom kienu impjegati l-pensjonanti qabel irtiraw.

Ma' dawn isiru reviżjonijiet sabiex pensjonanti li minbarra l-Pensjoni kontributorja li jirċievu mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, jirċievu wkoll il-pensjoni tas-Servizz, b'hekk jibbenefikaw minn żidiet oħra.

Skont l-aħħar statistika għas-sena 2018, in-numru ta' persuni li jirċievu l-Pensjoni Kontributorja kien ta' madwar 92,000 pensjonant bi spiża annwali ta' madwar €693 miljun.

L-impjegati f'Għawdex jagħmlu xogħol dwar talbiet għal benefiċċji *short term* bħal benefiċċji għall-Mard, għall-Qgħad u benefiċċji għall-Korriment fuq ix-xogħol.

Ma' dawn, talbiet għal *allowance* għat-Tfal, għajnuna Supplimentari, benefiċċju għall-Enerġija, benefċċju għall-Maternità, u għotja għaz-Zwieġ.

It-talbiet li jaslu għand id-Dipartiment ta' kull sena jirrikjedu xogħol ta' assessjar kontinwu.

Ikompli f'paġna 32 >

Minn paġna 31 > Edward Buttigieg, Direttur

Il-każijiet dwar *allowance* għat-Tfal, għajnuna Supplimentari u l-benefiċċju għall-Enerġija jiġu riveduti kull sena sabiex tiġi stabbilità r-rata dovuta għas-sena l-ġdida.

Skont l-aħħar statistika għas-sena 2018, in-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-benefiċċji *short term* kien ta' madwar 97,900.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-*allowance* *għat-Tfal* kien ta' madwar 44,000 u dak għall-għajnuna Supplimentari, madwar 26,000.



Madwar 7,200 persuna oħra bbenefikaw mill-benefiċċji l-oħra li huma pproċessati mis-sezzjoni ġewwa Għawdex.

L-istatistika turi ukoll li l-ispiza annwali għal dawn il-benefiċċji kienet ta' madwar €63 miljun.

Iċ-ċifri msemmija iżjed 'il fuq juru l-ammont kbir ta' talbiet li jaslu għand id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għall-benefiċċji Kontributorji u l-ispiża neċessarja li hemm bżonn sabiex tagħmel tajjeb għalihom.

Parti sostanzjali minn din l-ispiza ġejja mill-kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali li titħallas minn kull persuna li taħdem f'Malta.

Skont l-istatistika, għas-sena 2018 din kienet tammonta għal madwar €967 miljun.



# It-twaqqif tal-Mużew tal-Avjazzjoni

*Bis-sehem tal-Malta Aviation Museum Foundation*



**Emanuel Muscat**
*Kittieb u Riċerkatur*

Merħba ħbieb. Illum se nkompli nitkellem partikolarment dwar kif kien oriġina l-Mużew tal-Avjazzjoni, pero wkoll dwar xi piloti tal-gwerra li ħadmu fil-mitjar tal-Qrendi u li magħhom bqajt nikkorrispondi.

Fl-1992i kont iltqajt ma' *Wing Commander* Laddie Lucas tal-iSkwadra 249 tar-RAF.

Dan kien kiteb ktieb li fih jiddeskrivi s-sitt xhur li qatta' hawn Malta fl-eqqel tal-gwerra mal-iskwadra msemmija. Għad għandi kopja ta' dan il-ktieb iffirmat minnu.

Sadanittant fl-1994 jien kont wieħed mill-membri fundaturi tal-*Malta Aviation Museum Foundation.*



Kien permezz ta' din il-Fondazzjoni li kien twaqqaf il-Mużew tal-Avjazzjoni li jinsab ġewwa Ta' Qali u li dan illum sar attrazzjoni ewlenija, kemm għall-Maltin u kif ukoll għat-turisti.

Matul daż-żmien kollu ksibt ħafna informazzjoni dwar minn xiex għadda l-Qrendi fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Fil-bidu bdejt nikkorrispondi permezz tal-ittri ma' xi wħud mill-piloti li kienu stazzjonati fil-mitjar tal-Qrendi. Dawn għaddewli ħafna tifkiriet

Fl-aħħar 10 snin, permezz tal-internet, ksibt aktar informazzjoni, kif ukoll irnexxieli nakkwista ritratti mill-qraba tal-piloti li kienu servew f'dak il-mitjar fil-Qrendi.

B'sorpriża kbira għalija, is-sena l-oħra (fl-2018), permezz tal-internet skoprejt li għad fadal pilota li għadu ħaj, fl-eta ta' 95 sena u li fl-1943 kien serva f'waħda mill-iskwadri li kienu stazzjonati l-Qrendi.

Ikompli f'paġna 34 >



Minn paġna 33 > Emanuel Muscat

Awtur Kanadiż ippubblika ktieb dwar l-Invażjoni ta' Sqallija u li fih jikkwota siltiet minn intervista li dan l-awtur kien għamel ma' dan il-pilota.

Jien kien irnexxieli nakkwista kopja ta' dan il-ktieb iffirmat mingħand dan l-istess pilota.

F'Awwissu tas-sena l-oħra organizzajt l-ewwel wirja bl-isem, 'Il-Konvoj ta' Santa Marija' fis-sala prinċipali f'Palazz Marija Assunta fil-Qrendi.

L-esebizzjoni kienet tikkonsisti f'oġġetti storiċi, uniformijiet, memorabilja, pitturi u ritratti antiki ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija mill-kollezzjoni tiegħi, u flimkien ma' oħrajn mislufa minn diversi individwi.



Biex nagħlaq irrid nistqarr li għandi żewġ ħolmiet li fil-futur mhux 'il bogħod nixtieq li nwettaq.

L-ewwel, bħalissa qed nipprepara biex fi ftit taż-żmien ieħor nippubblika l-ewwel ktieb tiegħi li ser jittratta r-raħal tal-Qrendi fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

F'dan il-ktieb se ninkludi wkoll fid-dettal l-istorja tal-mitjar tal-Qrendi u l-fortizza ta' Ħaġar Qim.



It-tieni, jien minn dejjem xtaqt li fil-Qrendi jkun hawn post, speċi ta' mużew żgħir, li fih ikun jiġbor il-patrimonju kulturali ta' dan ir-raħal, bħal ngħidu aħna, għodod antiki tal-biedja u tal-barrieri li llum m'għadhomx jintużaw.

Apparti minn hekk, kif diġà għidt, il-Qrendi fi żmien il-gwerra kellu rwol importanti ħafna.

B'hekk f'dan il-mużew ser ikun hemm sezzjoni dwar il-mitjar tal-Qrendi u l-fortizza ta' Ħaġar Qim u li fih ikun hemm esebiti wkoll ritratti u memorabilja li għandi fil-kollezzjoni tiegħi.

# Grupp ta' sapport għall-aħwa ta' persuni b'diżabilità



L-Aġenzija Sapport tħabbar li ser tkun qed torganizza gruppi ta' sapport għall-aħwa ta' persuni b'diżabilità.

Dawn ser ikunu qed jitmexxew minn professjonisti fil-qasam tad-diżabilità, b'mod partikolari ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Sapport.

Il-persuni li jattendu dawn il-gruppi ser ikollhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' persuni oħrajn li bħalhom għandhom ħuthom b'diżabilità.

Dawn flimkien se jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom.

Matul dawn is-sessjonijiet, li jammontaw għal madwar 7 laqgħat, ser jiġu diskussi numru ta' suġġetti relatati mad-diżabilità.

Se jkunu mistiedna wkoll esperti f'dan il-qasam sabiex jitkellmu fuq suġġetti partikolari ta' interess għall-parteċipanti.

Fost dawn insibu; kif wieħed jieħu ħsieb tiegħu innifsu, aspetti legali, servizzi li jistgħu jaċċessaw għal ħuthom b'diżabilità, u oħrajn.

Il-laqgħat isiru fiċ-ċentru tat-taħriġ tal-Aġenzija Sapport f'Santa Venera. Dawn il-gruppi huma miftuħin għal aħwa li għandhom 'il fuq minn 18-il sena.

Dawk interessati li jattendu għal dawn is-sessjonijiet għandhom japplikaw billi jċemplu lill-Aġenzija Sapport fuq 2256 8000 jew jidħlu fis-sit www.sapport.gov.mt għal aktar informazzjoni u kopja tal-applikazzjoni.

Is-sessjonijiet mistennija jibdew f'Awwissu. Dawn huma gruppi żgħar ta' mhux aktar minn 20 parteċipant, għalhekk il-postijiet huma limitati.

Għal aġġornamenti regolari mill-Aġenzija Sapport, wieħed jista' jżur il-paġna ta' Facebook.



# Ħelu Manna : Dak kollu li hu Malti

## Id-Deheb Abjad



**Doris Zammit**

*Xandara Veterana*

Fil-ħarġa ta' 'Familja' li għaddiet kont bdejt nirrakonta dwar dak magħruf lokalment bħala d-deheb Abjad. Qed nirreferi għal melħ.

Tkellimna dwar l-istorja u l-oriġini kif ukoll dwar il-melħ li jinsab fil-lokalità aktarx magħrufa bħala, Tax-Xwejni f'Għawdex minn fejn ilu jinġabar il-melħ b'mod tradizzjonali għal mijiet ta' snin.

Iltqajt ma' Leli Cini tal-melħ u l-familja tiegħu, meta kont qed niffilmja għas-serje televiżiva 'Tan-Nanna Ħelu Manna' fejn Leli 'ix-Xwejni' u bintu Josephine tawni dan it-tagħrif interessanti li qed inwasslilkom.

Iltqajna sbieħ il-jum x'ħin kienet għadha lanqas telgħet ix-xemx. Imma hekk kif telgħet, stajna ngawdu xena spettakolari u rajna n-natura fl-aqwa tagħha.

U hemm, bid-dawl tal-fanali tal-karozza, Leli, il-mara u t-tifla tiegħu setgħu jikinsu l-melħ mis-salini.

Kif qalli tajjeb Leli, il-melħ li jinġabar jinżamm f'kamra ċkejkna li ma kienet xejn għajr waħda mill-għerien fil-Qbajjar.

*"Inħoss li l-melħ ippreserva dik ir-rabta ta' bejnietna. Jiena komplejt fuq il-passi tal-ġenituri tiegħi.*

*Nixtieq li x-xena li nara quddiem għajnejja meta nkunu qegħdin niġbru l-melħ ma tispiċċa qatt... Li l-post jibqa' dejjem kif inhu,"* tkompli tgħidli Josephine.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jżuru s-salini, jsibu lil Leli jfiehem lil kulħadd dwar il-passjoni kbira ta' ħajtu għal aktar minn 50 sena – il-melħ.

Aktar tard Leli jgħid kif kien xtara *Land Rover* u beda anke jippakkja l-melħ u jbiegħu fl-irħula Għawdxin.

*"Dan kien fi żmien meta kollox kien jinbiegħ bl-imnut u mhux bħala pakketti. Mill-1976 bdejt inbiegħ fis-supermarkets."*



Ikompli fil-ħarġa li jmiss ta' Familja

# Programm Attivitajiet Kulturali



**Mary Anne Zammit**
*Artista u Kittieba*

Bejn l-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Awwissu se titella' wirja annwali tal-membri tas-Soċjeta tal-Arti bit-tema, *'Perception II – MSA Members Annual'.*

Din se tkun qed issir ġewwa l-Gallarija tal-Arti ta' Palazzo de La Salle, il-belt Valletta.

Mill-20 sat-22 ta' Settembru, għal darba oħra se jkun qed isir il-Qala Folk International Festival li din is-sena ser tkun l-14 il-edizzjoni tiegħu.

Din hi attività oħra f'Għawdex, eżattament fir-raħal tal-Qala li se tkun tinkludi diversità ta' żfin u mużika, kif ukoll ikel tradizzjonali Għawdxi.

Nhar il-5 ta' Ottubru se titella edizzjoni oħra ta' *Notte Bianca.* Din hi waħda mill-akbar avvenimenti ta' arti u kultura li għandna f'pajjiżna.

Għal lejl sħiħ il-belt Valletta tiddawal bi spettaklu ta' arti, mużika, żfin, teatru u letteratura, fejn saħansitra l-mużewijiet jiftħu l-bibien tagħhom għall-pubbliku. Bejn il-11 ta' Ottubru u t-13 ta' Ottubru se titella edizzjoni oħra ta' *Birgu Fest.*

Din hi ċelebrazzjoni oħra ta' arti u kultura, din id-darba ġewwa l-lokalità tal-Birgu.

Kull min iżur dan is-sit se jkun jista' jara spettaklu mill-istorja, jew jagħżel li jiekol taħt id-dawl tax-xemgħat u jisma l mużika.

Fit-12 ta' Ottubru ġewwa t-Teatru tal-Opra Aurora, fir-Rabat, Għawdex se titella l-opra ta' erba atti La Boheme ta' Giacomo Puccini u ser tkun taħt id-direzzjoni ta' Colin Attard.

Ikompli f'paġna 38 >

Minn paġna 37 > Mary Anne Zammit

Bejn id-19 ta' Ottubru u t-30 ta' Novembru 2019 ser jitella *Festival Mediterranea* fit-Teatru Astra. Din hi attività oħra mistennija li ta' kull sena tittella fil-gżira ta' Għawdex bħala ċelebrazzjoni ta' arti, kultura u mużika.

Il-Festival taċ-Ċikkulata se jkun qed isir il-Ħamrun fit-28 ta' Ottubru bejn is-6.00pm u l-11.00 ta' filgħaxija. Kull min imur hemm se jkollu l-possibiltà li jduq u jgawdi t-togħma bnina taċ-ċikkulata.

F' għeluq l-40 sena anniversarju taċ-Ċentru tal-Konferenzi Dar il-Mediterran, ser jittella' għall-ewwel darba spettaklu bit-titlu *Cirque du Soleil*, ispirat mill-biċċiet u timijiet tal-logħba taċ-*chess.* L-attività ser titella bejn is-27 ta' Novembru u l-20 ta' Diċembru 2019.



*Dar il-Mediterran fil-Belt*

**Ronald Zaffarese**

*Koordinatur AAU*

*Residenza SVP*



Nixtieq ninforma li, apparti l-attivitajiet kif jidhru hawn għal dan ix-xahar ta' Awwissu f'SVP, ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l-anzjani residenti jittieħdu fil-knisja tal-istess binja għall-Quddiesa.

Kuljum ukoll wara nofsinhar, skont l-iskeda jkunu offruti servizzi u attivitajiet diversi.

Fost dawn, logħob tat-tombla, *board games, reminiscence,* qari, tpinġija, komunikazzjoni, sport, mużika, ċinema, *crosswords, crafts,* u issa wkoll, *chair exercise.*

**Awwissu 2019**

**06.08.19 : 5.30pm - Ħarġa W'Għajn**

**07.08.19 : 5.30pm - BBQ**

**13.08.19 : 5.30pm - Ħarġa W'Għajn**

**20.08.19 : 5.30pm - Ħarġa W'Għajn**

**21.08.19 : 5.30pm - Festa San Bert**

**27.08.19 : 5.30pm - Ħarġa W'Għajn**

SVP Saint Vincent De Paul long term care facility

# L-ebda abbuż m'hu ttollerat



**Leonid McKay**
*Kap Eżekuttiv*
*L-Awtorità tad-Djar*

Fl-ewwel parti ta' din l-intervista mas-Sur Leonid McKay, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar tkellimna dwar ir-rwol tiegħu preċedenti fil-Caritas u kif iqabbel dan issa fit-tmexxija tal-Awtorità tad -Djar, fost oħrajn...

Illum f'din it-tieni parti ta' din l-intervista se nkunu qed nitrattaw dwar *Profiling* tal-applikanti kollha ta' *social housing* mill-Awtorità tad-Djar bl-għan li din tifhem aktar il-bżonnijiet ta' dawn il-persuni. L-intervista tkompli kif ġej...

***Il-mezzi ta' kontroll attwali tal-Awtorità tad-Djar jipprevjenu biżżejjed minn abbużi ta' persuni li jistgħu ma jkunux eliġibbli għal tali skemi u/jew benefiċċji? Jekk le, kif se jkun infurzat l-iskrutinju li jwassal għal ċerti deċiżjonijiet finali?***

L-iskemi kollha tagħna qegħdin hemm għal min hu ġenwinament fil-bżonn. Iżda bħal kull miżura oħra, jista' jkollok persuni li jippruvaw jabbużaw minna.

Dwar dan irrid nistqarr li daqskemm irrid inkun sensittiv u relevanti, daqstant ieħor qed ngħid li ma jien se nittollera bl-ebda mod xi forma ta' abbuż mill-iskemi tagħna, u mill-akkomodazzjoni soċjali.

Meta awtorità' tagħlaq għajnejha għal xi forma ta' abbuż, dan ifisser li din tkun qed tonqos lil persuni oħra li tassew għandhom bżonn.

Huwa proprju għalhekk li l-Awtorità nediet ukoll *freephone* (80072294), biex tħeġġeġ persuni li jkunu jafu b'xi abbuż, jikkuntattjawna b'mod anonimu biex tibda investigazzjoni min-naħa tagħna. B'hekk, f'każ ta' abbuż tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

***X'hemm ġdid fil-miżuri li ġew imħabbra fil-budget li għadda li f'dimensjoni umanitarja għandhom itejbu l-ħajja ta' dawk li illum magħrufa 'fil-linja ta' riskju ta' faqar?'***

Li qed tressaq 'il quddiem l-Awtorità tad-Djar huwa bbażat fuq font ta' riċerka, li nsejħulu *social profiling*.

Ikompli f'paġna 40 >

Minn paġna 39 > Leonid McKay, Kap Eżekuttiv



## L-iskemi qegħdin għal min hu tassew fil-bżonn

It-Tielet Parti ta' din l-intervista fil-ħarġa li jmiss ta' 'Familja'

***Profiling*** tal-applikanti kollha tas-*social housing* bl-għan li tifhem il-bżonnijiet ta' dawn il-persuni. Qed issir riċerka billi mmorru fiżikament għand l-applikanti fid-djar tagħhom b'kollaborazzjoni mal-FSWS, fil-post ta' kenn fejn jgħixu.

Qed immorru saħansitra fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, biex anke dawn il-persuni, ma jispiċċawx barra hekk kif jiskontaw is-sentenza tagħhom, iżda jkun hemm preparazzjoni minn qabel biex il-persuna terġa' lura fis-soċjetà b'mod dinjituż.

Proprju għalhekk li l-miżuri tal-*budget* jitkellmu dwar *housing* affordabbli. *Housing* speċjalizzat, għaliex mill-esperjenzi tan-nies qed nifhmu x'għajnuna jeħtieġu.

Fil-*budget* 2019 ukoll ħarisna lejn il-bini eżistenti tas-*social housing*, u allokajna l-flus sabiex ikompli l-programm ta' manutenzjoni fuq dawn il-binjiet li nbnew għexieren ta' snin ilu. Għalhekk jeħtieġ li dawn, mhux biss joffru għixien adegwat iżda anke li jkunu aċċessibbli.

F'dak li proponejna u li qegħdin inwettqu ħsibna ukoll f'dik il-faxxa ta' nies li saqaf fuq rashom mhuwiex biżżejjed iżda li jeħtieġu għajnuna kontinwa u sapport personalizzat.

Proprju fi Frar ta' din is-sena ħabbarna kollaborazzjoni mal-entitajiet mhux governattivi li se nkunu qegħdin nallokawlhom il-flus biex binjiet tal-gvern li jinsabu fi stat dilapidat jiġu rranġati skont il-bżonnijiet tagħhom.

# A Passage to Malta



**Pauline Miceli**
*Kummissarju tat-Tfal*

***Kemm hawn tfal barranin jgħixu fostna? Minn fejn ġejjin u kif sejrin?***

*X'jaħsbu t-tfal Maltin dwar il-preżenza ta' dawn it-tfal fostna?*

Dawn huma ftit mill-mistoqsijiet li l-Uffiċċju tiegħi xtaq li jsir jaf iktar dwarhom, sabiex naraw x'impatt qed iħallu dawn it-tfal fuqna.

Kemm it-tfal Maltin jaċċettawhom fosthom u x'diffikultajiet qed jiltaqgħu magħhom fl-iskejjel u fil-komunitajiet fejn jgħixu.

Dan l-istudju, *A Passage to Malta,* kien ikkummisjonat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u sar bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru tar-



Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali fi ħdan l-Universita' ta' Malta.

Dan seta' jitqabbel ma' studju ieħor minn l-istess Ċentru, dwar is-saħħa u l-benesseri tat-tfal Maltin.

Minn popolazzjoni ta' 84,000 tifel u tifla f'Malta, madwar 9,000 huma barranin, il-biċċa l-kbira minnhom ġejjin mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li 10% tal-popolazzjoni tat-tfal li huma f'età tal-iskola f'dawn l-aħħar ħames snin irdoppja.

It-tfal barranin ġejjin minn kull rokna tad-dinja u kważi kollha jiġu Malta flimkien mal-ġenituri tagħhom għal fini ta' xogħol. Ftit minnhom qegħdin hawn ifittxu l-ażil.

L-istudju jiffoka dwar tfal taħt l-età ta' tmintax-il sena li twieldu hawn jew barra minn Malta minn ġenituri li mhumiex Maltin (jew ġenitur wieħed f'każ ta' ġenituri waħedhom).

Ikompli f'paġna 42 >

# Riċerka dwar is-saħħa u l-benesseri tat-tfal barranin li qegħdin jgħixu Malta

Minn paġna 41 > Pauline Miceli, Kummissarju

It-tfal barranin kollha f'Malta li ġew identifikati mill-iskejjel, mid-djar, miċ-ċentri u l-entitajiet li jaħdmu mal-immigranti kienu mistiedna biex jipparteċipaw.

It-tfal infushom, kif ukoll il-ġenituri u l-għalliema ħadu sehem ukoll.

Ir-riċerka tesplora l-edukazzjoni u l-inklużjoni, kif ukoll is-saħħa u l-benesseri ta' tfal barranin li huma fl-età tal-iskola u tfal żgħar taħt it-tliet snin.

Wara ssir analiżi suġġettiva tal-benesseri tat-tfal barranin fl-aspetti varji ta' ħajjithom u fl-aħħar fażi l-istudju jinvestiga l-attitudnijiet ta' madwar 10,000 studenti Maltin lejn it-tfal barranin f' Malta.



B'kollox, madwar 2,500 tifel u tifla barrani/ja ħadu sehem f'dan l-istudju. Fil-ħarġa li jmiss ta' rivista 'Familja' se nsegwu x'irriżulta minn tali stħarriġ.

Ikompli fil-ħarġa li jmiss ta' 'Familja'



# 3,284 persons with an intellectual disability



**Sandra Borg**
*Communications & PR*
*Commission for the Rights of Persons with a Disability*

The Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) is the regulatory body for disability in Malta. The CRPD is not an NGO or charity organization.

The Commission is committed to seeing that Maltese society is an inclusive one, in a manner that persons with disability can, through equal opportunities in all aspects of life, fulfil their potential as persons who enjoy a higher quality of life.

In honouring this commitment, CRPD works in order that society may eliminate any form of direct or indirect discrimination against persons with disability or their families while providing the necessary help and support.

CRPD

Currently, there are 19,057 people with a disability registered with the Commission for the Rights of Persons with a Disability (CRPD).

A total of 14,597 people have registered physical disabilities in Malta, while 3,284 have a registered intellectual disability.

In addition 2,230 have a psychological disability. 1,507 persons are registered as having a hearing disability, while 1,589 have a disability related to sight.

Formerly known as KNPD, the Commission acquired its current name in 2016, following extensive amendments in the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act.

The Commission is divided into a number of teams, based around its roles. The Equal Opportunities Compliance Unit (EOCU), for instance, is the unit specialised in receiving and investigating disability discrimination complaints.

Part 2 on page 44 >

# **19,057 people with a disability** are registered with CRPD

From page 43 > Sandra Borg, CRPD

**CRPD** is responsible for ensuring that the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act is observed in a reasonable manner.

To this end, CRPD receives complaints from persons with disability and their family members who feel that they are being discriminated against on the grounds of disability.

Furthermore, CRPD is legally empowered to commence investigations into a case on its own initiative.

The Accessibility team is responsible for monitoring, auditing, giving advice and certifying applications that are made for the development of buildings which are open to the public.

The team works with architects and developers to ensure that the plans which are eventually approved are accessible for disabled people.

The Services Team is the face of the Commission for clients, their families and other people who either visit the office or call for advice and information.

The services team deals with clients who want to be registered with CRPD to receive the EU-SID card, or a blue parking badge.

The SID-EU card is an official document which identifies a person with disability as registered with CRPD.

The blue badge is a card used to park in spaces designated for persons with disability. The applications are registered in a digital database instantly when received in office.

The Commission is also the independent mechanism in charge of the monitoring and the implementation of the UNCRPD.

The UNCRPD Unit also delivers Disability Equality Training to various public and private entities, as well as educational institutions.

These include staff members of the Civil Protection Department, the Police, Heritage Malta, students at ITS and primary schools, and various public entities and private companies.

This office also manages the EU projects that CRPD participates in.

www.crpd.org.mt
helpdesk@crpd.org.mt

# Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

## Jingħata rikonoxximent internazzjonali

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ngħata Ċertifikat ta' Mertu b'Referenza Speċjali mingħand l-Assoċjazzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà Soċjali (ISSA), f'kompetizzjoni internazzjonali dwar proġetti soċjali.

Dan l-unur ingħata f'Mejju ta' din is-sena b'konnessjoni mal-pakkett ta' miżuri tal-gvern imsejjaħ *'Making Work Pay'* immirati biex jippremjaw il-bżulija u jnaqqsu d-dipendenza soċjali.

Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali Grazio Barbara u d-Direttur għall-Osservanza tal-Benefiċċji George Cremona, irċevew dan l-unur f'isem il-Ministeru.

Huma taw preżentazzjoni dwar il-pakkett ta' miżuri li wasslu għal dan is-suċċess lil delegati minn madwar id-dinja kollha, f'ċerimonja li saret f'Baku, l-Ażerbajġan.

Is-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Marcelo Abi-Ramia Caetano sejjaħ l-impatt pożittiv ta' dawn il-miżuri bħala kisba mportanti fl-istrateġija li tħajjar benefiċċjarji soċjali jfittxu impjieg.

Ikompli f'paġna 46 >






Minn paġna 45 > Rikonoxximent Internazzjonali

# *"In-numru ta' persuni fuq għajnuna soċjali llum hu ta' madwar 6,600 – tnaqqis ta' aktar minn 4,000 f'sitt snin"*

**D**an biex ma jibqgħux dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali. Il-ġurija li kienet magħmula minn professjonisti fil-qasam tas-sigurtà soċjali qalet illi il-miżuri li qed tieħu Malta biex jitnaqqas il-faqar huma innovattivi.

Dawn, speċjalment dawk dwar *tapering,* għax jgħinu persuni jimxu lejn impjieg u ma jibqgħux jiddependu fuq is-servizzi soċjali.

Il-Ministru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali Michael Falzon esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-għotja ta' dan l-unur filwaqt li sostna li l-gvern se jibqa' kommess li jgħin lil batut u lil vulnerabbli.

Dr Falzon qal illi skont l-aħħar ċifri tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali n-numru ta' persuni fuq għajnuna soċjali llum hu ta' madwar 6,600 – tnaqqis ta' aktar minn 4,000 f'6 snin.

Dawk li jirċievu l-Għajnuna għal Diżimpjieg waqa' minn 4,330 fl-2013 għal ftit aktar minn 700.

"Tnaqqis tassew inkoraġġanti u ta' sodisfazzjon fost dawk l-aktar vulnerabbli meta wieħed iqis ukoll li minn dawk li daħlu fl-iskema tat-*tapering,* 80 fil-mija baqgħu jaħdmu wara li temmew it-tliet snin fl-iskema u ma baqgħux jieħdu benefiċċji. Tnejn minn kull tlieta minn dawn huma nisa," temm jgħid il-Ministru.

# Launch of the EESSI system



**Karen Farrugia**
*Manager II (Research)*
*International Affairs Unit*

On the 3rd July 2019, the Department of Social Security, adopted the EESSI system.

The acronym EESSI refers to the Electronic Exchange of Social Security Information between social security institutions in the EU.

In order to ensure an effective application of the EU Social Security Regulations, National Social Security Institutions need to exchange with each other information on the person concerned, such as his insurance history records, certificates concerning health care.

This goal will be achieved through EESSI. EESSI will connect electronically around 15.000 social security institutions in all the EU Member




States as well as in Iceland, Liechtenstein, Norway and Switzerland. It will replace the current paper-based exchanges to the benefit of citizens who have lived and worked in several of these countries.

The main aim of the EESSI System is to ensure a rapid exchange of social security information regarding individuals that exercise their right to free movement within the EU.

It will enable social security institutions to handle individual cases more quickly, and facilitate a faster calculation and payment of benefits.

Social security institutions across the EU will use standardised electronic documents translated into their own language, thus improving multilingual communication.

EESSI will introduce safeguards to ensure that the data exchanged is correct and complete, helping institutions to combat fraud and error.

Part 2 on page 48 >

*The MFCS benefited from about half a million Euros for the realization of this project*



From page 47 > Karen Farrugia, IAU

**EESSI** will optimise case handling, by introducing standard electronic procedures to be followed by institutions; this will further enhance the correct application of social security coordination rules.

Data exchange will take place between competent Institutions of all participating countries in respect of the benefits governed by the Regulations on social security coordination, namely:

Sickness, maternity and equivalent paternity benefits, old-age pensions, pre-retirement and invalidity benefits, survivors' benefits and death grants, Unemployment benefits, Family benefits, Benefits in respect of accidents at work and occupational diseases. The central EESSI system was made available by the Commission in July 2017.

Following this, Member States had 2 years to finalise their national implementation of EESSI and connect their social security institutions to the cross-border electronic exchanges.

In order to set up the connection with the central EESSI system, the MFCS joined forces with the Ministry for Health, who also apply the EU coordination rules in their line of work.

In 2016, Malta was granted funds from the European Commission under the Connecting Europe Facility (CEF) project entitled "The implementation of the Electronic Exchange of Social Security Malta".

The Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity benefited from half a million Euros for the realization of this project.